

**Appell ippreżentat fit-8 ta' Novembru 2022 minn Methanol Holdings (Trinidad) Ltd mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġeneral (It-Tmien Awla Estiża) fl-14 ta' Settembru 2022 fil-Kawża T-744/19,  
Methanol Holdings (Trinidad) vs Il-Kummissjoni**

(Kawża C-688/22 P)

(2023/C 7/23)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

Appellant: Methanol Holdings (Trinidad) Ltd (rappreżentanti: B. Servais, u V. Crochet, avukati)

Partijiet oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea, Achema AB, Grupa Azoty S.A., Grupa Azoty Zakłady Azotowe Puławy S.A.

### Talbiet

L-appellant titlob li l-Qorti Ġeneral i jogħġobha:

- tannulla s-sentenza appellata;
- tilqa' t-talbiet imressqa fl-ewwel istanza; u
- tikkundanna lill-Kummissjoni u lil kwalunkwe parti intervenjenti għall-ispejjeż, inklużi dawk sostnuti fl-ewwel istanza; jew sussidjarjament
- tibgħat lura l-kawża lill-Qorti Ġenerali għal eżami mill-ġdid; u
- tirriżerva d-deċiżjoni dwar l-ispejjeż tal-proċeduri fl-ewwel istanza u fl-appell.

### Aggravji u argumenti prinċipali

Insostenn tal-appell tagħha, ir-rikorrenti tinvoka żewġ aggravji.

L-ewwel, il-Qorti Ġenerali interpretat b'mod żbaljat ir-regoli stabbiliti fl-Artikolu 3(2) u (3) u fl-Artikolu 9(4) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea<sup>(1)</sup> (iktar 'il quddiem ir-“Regolament Bażiku” fl-istabbiliment tal-prezz tal-esportazzjoni għall-finijiet tal-kalkolu tal-marġni ta' twaqqiqi tal-prezzijiet u tal-prezzijiet indikattivi fil-każ ta' esportazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea permezz ta' entitajiet relatati u, konsegwentement, ikkonkludiet b'mod żbaljat li l-Kummissjoni ma kisritx l-Artikolu 3(1),(2), (3), (5) sa (8) u l-Artikolu 9(4) tar-Regolament Bażiku.

It-tieni, il-Qorti Ġenerali interpretat b'mod żbaljat l-argumenti mressqa minn Methanol Holdings (Trinidad) Limited fir-replika dwar l-analiżi tat-tnaqqis fil-prezzijiet u s-sopprezzjoni tal-prezzijiet imwettqa mill-Kummissjoni u, konsegwntement, iddiċċarat b'mod żbaljat li huma inammissibbi.

<sup>(1)</sup> ĠU 2016, L 176, p. 21.